MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 866/2011

Avukat Dr. Cedric **MIFSUD** f'isem u in rapprezentanza tal-kumpannija estera Magellan Management and Consulting S.A.

Vs

**IYMCS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fit-2 ta' Settembru, 2011, li bih ir-rikorrent fil-kwalita' tieghu premessa ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab (a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (b) li l-Qorti tikkundanna is-socjeta' mharrka biex thallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tnejn u tletin elf tmien

mija u hamsa u tletin ewro (€32,835) li tirrapprezenta servizzi amministrativi moghtijin lill-bastiment "*M/Y La Diva*" minn April, 2010 sa Settembru, 2011.
Talab ukoll il-hlas tal-imghax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati lill-kumpannija ntimata li naqset li tidher meta ssejhet il-kawza u hekk baqghet kontumaci;

Semghet lill-attur *nomine* waqt is-smigh tal-lum;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta' ntimata tiddeciedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur nomine** u taqta' l-kawza minghajr is-smigh;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna s-soċjeta' mharrka thallas lill-attur nomine s-somma ta' tnejn u tletin elf tmien mija u hamsa u tletin ewro (€32,835), rapprezentanti l-import ta' servizzi kif fuq inghad flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mit-26 ta' Settembru, 2011, sal-jum tal-hlas effettiv;

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta' mharrka thallas l-**ispejjez tal-kawza**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------